## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-ĠIMGĦA, 17 TA' FRAR, 2023**

**Rikors nru 1102/2022 RGM**

**Rikors ta' Charles u Jane konjuġi Zerafa**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1367/2022 u**

**Fl-atti tac-cedoli numri 2083/2022 u 2006/2022**

**Fl-ismijiet:**

**RMX Limited (C 841654)**

**Vs**

**Charles u Jane konjugi Zerafa**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment kamerali li permezz tiegħu mandat kawtelatorju qed jiġi revokat bis-saħħa tal-**artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

1. Illi b'rikors tas-17 ta' Novembru, 2022 Charles u Jane konjugi Zerafa (is-"Sekwestrati" jew "konjuġi Zerafa) talbu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, li l-Qorti (i) tiddikjara li hemm depożitati flejjes aktar mill-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħhom fuq talba tas-soċjeta' RMX Limited ("RMX") intavolat kontra tagħhom u konsegwentement tiddikjara li hemm ammont depożitat ta' aktar mill-ammont pretiż u kawtelat bil-mandat fuq indikat; (ii) tawtorizza lill-konjuġi Zerafa jiżbankaw l-ammont ta' €15,606.34 depożitati biċ-ċedola numru 2006/2022 mill-HSBC Bank Malta plc; (iii) tawtorizza lill-konjuġi Zerafa sabiex jiżbankaw kwalunkwe ammont li jista' eventwalment jiġi depożitat minn BNF Bank in forza tal-mandat de quo; (iv) tirrevoka l-mandat de quo bil-kundizzjoni li l-ammont depożitat permezz taċ-ċedola numru 2083/2022 fl-ammont ta' €16,211.66 jibqa' depożitat sabiex iservi bħala garanzija mwettwa mis-sekwestrati għall-pretensjoni tal-kumpanija sekwestranti u dan sakemm tingħata sentenza definittiva fil-kawża fil-mertu numru 931/2022.

2. Illi b'digriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2022 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u tad-digriet lil RMX bil-fakolta li tippreżenta nota fi żmien sebat ijiem min-notifika ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

3. Illi RMX ma ġietx mill-ewwel notifikata u wara diversi tentativi ġiet notifikata fl-1 ta' Frar, 2023.

4. Illi RMX ma ppreżenta l-ebda nota fit-terminu mogħti.

5. Illi Artikolu 836 tal-Kap. 12 ma jipprovdiex illi jekk is-sekwestrant ma jitħarrikx wara li jiġi notifikat bir-rikors revoka il-Qorti għandha tilqa' t-talba għar-revoka mingħajr l-ebda konsiderazzjoni oħra[1]. Isegwi għalhekk

[1] Ara f'dan is-sens l-effetti tal-kontumaċja f'kawża mibdija taħt il-proċedura sommarja b'mod partikolari artikolu 170 tal-Kap. 12

illi fin-nuqqas ta' nota ta' opposizzjoni fit-terminu mogħti l-Qorti xorta waħda trid tara jekk dak allegat minn min jagħmel it-talba huwiex fondat.

6. Illi l-istħarriġ li għandha tagħmel il-qorti fi proċeduri bħal dawn huwa wieħed *prima facie*, għaliex il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja. Qorti adita minn proċeduri taħt l-Artikolu 836 tal-Kap 12 għandha toqgħod strettament ma' dak hemm provdut. Kollox fuq livell *prima facie*. Inżamm illi fil-proċeduri taħt l-Artikolu 836 "il-Qorti trid tara li bl-ebda mod ma tirfes fuq il-kwestjonijiet li jinsabu quddiem dik il-Qorti – imqar jekk fl-aspetti preliminari jew proċedurali tagħha – jew tagħti xi fehma li b'xi mod tista' tolqot is-suġġetti dibattuti u mistħarrġa f'dik il-kawża" (Rik. 742/20 għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-mandat ta' sekwestru 1000/20 fl-ismijiet **Tyrell Corporation Limited vs. Yirun Europe GmbH** - Prim' Awla - 14 ta' Jannar, 2021).

7. Illi r-rikorrenti qed jinvokaw **artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12** li jipprovdi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jirriżulta illi:

> "jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;"

8. Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1367/22 fl-ismijiet RMX Limited vs. Charles Zerafa et ippreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2022 inħareġ sabiex jikkawtela l-pretensjoni ta' RMX Limited (RMX) fis-somma ta' €16,211.66[2].

9. Illi permezz taċ-ċedola numru 2083/2022 il-Bank of Valletta plc iddepożita l-ammont sħiħ ta' €16,211.66 indikat bħala *sorte* fil-mandat kawtelatorju.[3]

---

[2] Kopja tas-sekwestru nru 1367/2022 a fol. 6
[3] Kopja taċ-ċedola nru 2083/2022 a fol. 3

10. Illi għalhekk, permezz taċ-ċedola 2083/2022 ġiet depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti somma li tassigura biżżejjed il-pretensjoni ta' RMX.

11. Tikkonsidra għalhekk illi jirriżultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12 u għalhekk kwalunkwe ammont ieħor milqut f'idejn is-sekwestratarji għandu jiġi liberat favur ir-rikorrenti sekwestrati konjuġi Zerafa.

**Decide**.

1. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi hemm depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti flejjes aktar mill-ammont indikat bħala sorte fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1367/2022;

2. **Tiddikjara** illi l-ammont ta' €16,211.66 depożitat mill-Bank of Valletta plc permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 2083/2022 għandu jibqa' depożitat taħt l-awtorita' tal-qorti sakemm il-kawża fil-mertu numru 931/2022 tkun għadha pendenti.

3. **Tilqa'** t-tieni talba, tawtorizza lill-konjuġi Zerafa jiżbankaw l-ammont ta' €15,606.34 depożitati biċ-ċedola numru 2006/2022;

4. **Tilqa'** t-tielet talba, tawtorizza lill-konjuġi Żerafa sabiex jiżbankaw kwalunkwe ammont ieħor depożitat minn BNF Bank in forza tas-sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi;

5. **Tilqa'** r-raba' talba, tiddikjara illi l-ammont ta' €16,211.66 depożitat mill-Bank of Valletta plc permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 2083/2022 hija garanzija li tassigura biżżejjed il-pretensjoni tas-sekwestranti.

6. **Tordna** r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1367/2022 fl-ismijiet "RMX Limited vs. Charles Zerafa et."

7. **Spejjeż** riżervti għas-sentenza fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 17 ta' Frar, 2023**.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

KOMUNIKA ELETTRONIKA: Avv. Josette Grech